MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 1362/2003

Kawza fil-lista: 27

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi l-kontendenti zzewgu fit-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Gunju tas-sena 2002 fil-Knisja ta’ San Bastjan, Hal Qormi, u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku, bin-numru ta’ l-Iskrizzjoni (943/2002) vide Dok CD.

Peress illi dan iz-zwieg huwa null stante li l-konvenuta ma kellhiex id-diskrezzjoni mehtiega taz-zwieg ghall-hajja

matrimonjali jew ghad-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew stante li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-konvenuta li twettaq l-obbligi essenzjali taz-zwieg.

Peress illi l-kunsens tal-kontendenti nkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Peress li minhabba r-ragunijiet premessi u minhabba ragunijiet ohra kontemplati fl-Att XXXVII tal-1975 li jirregola z-zwigijiet, iz-zwieg bejn il-kontendenti huwa null u bla effett legali.

Tghid il-konvenuta ghar-ragunijiet premessi ghaliex m’ ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Gunju tas-sena 2002, huwa null u minghajr effett legali ai termini ta’ l-artikolu 19 subartikolu (1) para (d) u (f) ta’ l-Att XXXVII ta’ l-1975 dwar iz-Zwieg.

2. Konsegwentement tordna li din in-nullita’ tigi registrata fuq l-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa’ ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet:

1. Illi l-konvenuta taderixxi mat-talba attrici, b’ dan illi teccepixxi kwantu segwenti;

2. Illi l-konvenuta taqbel illi dan iz-zwieg huwa null stante illi hija ma kelliex id-diskrezzjoni mehtiega taz-zwieg ghall-hajja matrimonjali jew ghad-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga.

3. Illi l-konvenuta taqbel illi l-kunsens tal-attur inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed

jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, izda tichad illi l-kunsens taghha kien ivvizzjat bl-istess mod.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fit-22 ta’ Gunju 2002 huwa null fil-ligi, in bazi ghall-kawzalijiet li l-kunsens matrimonjali tal-konvenuta jinsab vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d] u dak tal-partijiet fit-termini tal-paragrafu [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255. Minn naha taghha l-konvenuta fil-waqt li taqbel li z-zwieg huwa null, tattribwixxi dan ghall-ragunijiet kontemplati fil-paragrafu [d] fil-konfront ta’ l-istess konvenuta u fil-paragrafu [f] fil-konfront ta’ l-attur.

Illi l-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-22 ta’ Gunju 2002 wara li kienu ilhom jafu lil xulxin circa sitt snin li sentejn minnhom l-attur kien ghamilhom jahdem fil-Libya. Wara konvivenza matrimonjali ta’ circa sena, il-partijiet isseparaw de facto u l-konvenuta telqet mid-dar konjugali u marret tghix mal-partner taghha li mieghu kienet qabdet relazzjoni ftit xhur qabel. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi in sostanza l-attur jilmenta li l-konvenuta qatt ma kellha l-hsieb li tkun fidil lejh, filwaqt li l-konvenuta kienet tilmenta li minn meta kienu ghadhom gharajjes, l-attur kien mohhu biss fix-xoghol u ma tantx kien jghati kasha. Di fatti circa erba xhur qabel iz-zwieg il-konvenuta riedet thassar ir-relazzjoni taghhom nonostante li kellhom kollox ibbukjat ghaz-zwieg, izda l-attur kien ikkonvinciha ddawwar fehemtha. Jidher li wara z-zwieg, fl-ewwel ftit xhur taz-

zwieg, is-sitwazzjoni aggravat b' mod li l-partijiet tbieghdu minn xulxin u dahhlet bruda bejniethom li waslet ghas-separazzjoni de facto fi zmien daqshekk qasir.

Illi mill-provi l-Qorti thoss li f' dan il-kaz jikkonfigura l-eskluzjoni posittiva da parti taz-zewg partijiet, kemm da parti ta' l-attur li baqa' mohhu fix-xoghol biss u baqa' jinjora l-bzonnijiet tal-konvenuta, kif ukoll da parti ta' l-istess konvenuta li ma kienitx tfittex li ssahhah ir-relazzjoni bejnha u bejn zewgha, izda harset band' ohra u dahlet f' relazzjoni extra matrimonjali ftit xhur wara z-zwieg.

Illi l-fatti antecedenti u dawk li sehhew ftit taz-zwieg wara z-zwieg jevidenzjaw il-fatt li z-zewg partijiet, ghalkemm ghaddew esternament ghaddew minn cerimonja ta' zwieg, internament u b' att posittiv tal-volonta' taghhom esludew obbligazzjonijiet essenzjali ghal hajja matrimonjali u cioe' dik tal-konvivena matrimonjali diretta lejn il-benessere reciproku, u dik ta' l-esklussivita' da parti tal-konvenuta.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 da parti taz-zewg partijiet.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-22 ta' Gunju 2002; tilqa' t-tieni talba; l-ispejjez tar-registru jinqasam ugwalment bejn il-partijiet, filwaqt li l-kumplament jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------